MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 1853/2001/1

**V & C Contractors Ltd**

**vs**

**Stencil Pave (Malta) Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 4 ta’ Dicembru 2001 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi s-socjeta` konvenuta, hija vera certa u likwida debitrici a

favur tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ sebat elef mitejn u tnejn u hamsin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm7,252.76) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta’ flus li ghadhom dovuta in konnessjoni ma’ xoghol u materjal debitament ezegwit mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta u dan skont ma kif jirrizulta mill-anness kont dettaljat Dok A li minnu jrid jitnaqqas l-ammont ta’ Lm7,000 gia mhallsa akkont u liema rendikont gie mahdum fuq u mill-Perit ta’ fiducja tal-istess socjeta` konvenuta;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi *a tenur* tal-artikoli 167-170 Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta *stante* li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghal hlas tal-istess dejn u s-socjeta` attrici qieghda tannetti ma’ dan l-att affidavit skont l-artikoli imsemmija, Dok B;

Illi l-konvenuti kienu gew interpellati inutilment biex ihallsu dan id-dejn inkluz permezz ta’ ittra ufficjali datata 4 ta’ Ottubru 2001 u ittra legali datata 1 ta Dicembru 2001;

Jghidu ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

1 Tiddeciedi skont it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skont l-artikoli 167 - 170 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' Lm7,252.76 favur is-socjeta` attrici bhala bilanc minn somma akbar li ghadha dovuta skont kif spjegat hawn fuq;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 4 ta' Ottubru 2001, tal-ittra legali datata 1 ta' Dicembru 2001 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju datat 1 ta' Novembru 2001 u bl-interessi skont il-ligi dekorribbli mid-data ta' 'l fuq indikata ittra ufficjali sad-data tal-eventwali pagament effettiv ghas-saldu kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-9 ta' Jannar 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 1 ta' Frar 2002 (fol 12) fejn esponiet : -

1 Illi, *in linea* preliminari, l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili (Kap. 16);

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk jimmeritaw li jigu respinti bl-ispejjez, *stante* illi x-xoghol ezegwit mis-socjeta` attrici ma giex accettat

mill-klijent tas-socjeta` konvenuta (cioe` l-Kunsill Lokali tan-Naxxar) billi ma sarx skont is-sengha u l-arti.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija f' kull kaz eccessiva billi tinkorpora fiha l-valur ta' xoghlijiet ezegwiti mis-socjeta` attrici fuq inkarigu dirett mis-Sindku tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar – u f' liema rigward is-socjeta` esponenti ghalhekk titlob li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju f' din l-istanza *stante* illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn is-socjetajiet kontendenti ghal dak li jirrigwarda dan ix-xoghol li gie ordnat direttament - *oltre* li l-istess xoghlijiet hawn imsemmija ma gewx eventwalment approvati u accettati sew mill-istess Kunsill Lokali u sew mill-konsulenti teknici imqabbda mill-istess Kunsill.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija wkoll eccessiva billi s-somma pretiza bhala valur tax-xoghlijiet ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq l-inkarigu tas-socjeta' esponenti, giet ikkalkolata mis-socjeta' attrici fuq rati superjuri ghal dawk originarjament miftehma bejn il-kontendenti f'din l-istanza.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta tat-2 ta' April 2013 (fol 21) fejn peress illi jidher xieraq li din il-kawza tistenna l-ezitu dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni mqanqla fic-citazzjoni Nru 1656/01 din il-kawza thalliet ghal kontinwazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2008 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr Alex Schembri ressaq replika ghan-

nota ta’ sottomissjonijiet tal-kumpanija attrici u ghadda kopja taghha lill-Avukat tal-kumpanija attrici. Dr Raphael Fenech Adami tratta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta’ Ottubru 2008;

u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tas-27 ta’ Novembru 2012 fejn b’ ordni tal-Qorti l-kawza baqghet differita ghall-ghoti tas-sentenza ghat-13 ta’ Marzu 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn fis-seduta tas-26 ta’ Settembru 2013, peress li din il-kawza miexja mal-kawza Cit Nu 1656/01/LSO fuq il-lista tallum, u peress li gie nominat Perit Tekniku f’ dik il-kawza, il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza tal-kawza. Il-kawza giet differita ghall-konjizzjoni flimkien mal-kawza konnessa; u rat il-verbali tas-seduti kollha nkluz dak tat-30 ta' Jannar 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-Av. Fenech Adami ghas-socjeta' attrici, rapprezentata minn Vincent Borg prezenti u l-Av. Alex Schembri ghas-socjeta' intimata. L-Av. Fenech Adami ghal kull *buon fini* ha konjizzoni tar-rapport tal-Perit Ellul Vincenti fil-kawza konnessa. L-Av. Schembri rrimetta ruhu ghal kull *buon fini* anke f’din il-kawza ghall-istess rapport li jifforma parti mill-provi ta' din il-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghat-12 ta' Gunju 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Din il-kawza hija miexja ma kawza ohra konnessa fl-ismijiet *Stencil Pave (Malta) Limited -v- Kunsill Lokali tan-Naxxar (Cit 1656/01 LSO)*, li giet deciza llum stess minn din il-Qorti.

Illi din il-kawza, flimkien ma' numru ta' kawzi ohra, giet assenjata lil din il-Qorti b'surroga tas-16 ta' Jannar 2013 u iz-zmien intervenjenti kien mehtieg sabiex tigi espletata perizja teknika fil-kawza konnessa, u sabiex il-partijiet jezaminaw ir-rapport u, okkorrendo, jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom relattivi.

Permezz ta' din l-azzjoni s-socjeta' attrici qed tfittex il-pagament tas-somma ta' sebat elef, mitejn u tnejn u hamsin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm7,252.76) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta in konnessjoni ma' xoghol u materjal ezegwit mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Illi s-socjeta' konvenuta eccepiet li l-azzjoni attrici hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 2148 (a)** tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. *Inoltre* issollevat diversi eccezzjonijiet fuq il-mertu li ser jigu trattati iktar 'il quddiem.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Is-socjeta' konvenuta giet inkarigata mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar sabiex tezegwixxi appalt ta' xoghlijiet ta' *construction of plateau and resurfacing works* derivanti mit-tender 01/00 mahrug mill-istess Kunsill Lokali fil-Pjazza tan-Naxxar. Hi issubkontrattat parti minn dawn ix-xoghlijiet lis-socjeta' attrici. Il-partijiet jaqblu li s-socjeta' konvenuta hallset Lm7,000 lis-socjeta' attrici. Il-Kunsill Lokali tan-Naxxar, da parti tieghu, kien qed jikkontesta s-somma bilancjali u

baqa' inadempjenti tant li l-Kunsill istitwixxa l-proceduri imsemmija bl-isem "*Stencil Pave (Malta) Limited -v- Kunsill Lokali tan-Naxxar (Cit 1656/01 LSO).*

**Xhieda**

Xehed **Vincent Borg**[1]**,** b'zieda max-xhieda moghtija fil-kawza konnessa, Direttur tas-socjeta' attrici spjega li l-kont esebit a fol 5 u 6 *a tergo* tal-process hu bbazat fuq kont ippreparat mill-Periti Sant & Mugliette li kienu l-periti inkarigati mis-socjetajiet *Stencil Pave* (Malta) Limited. Ghall-kejl kien prezenti hu kif ukoll il-Periti imsemmija.

Rigward ix-xoghol spjega li dan ma sarx skont is-sengha billi huma taw it-*tarmac* fuq il-wicc li diga` kien hemm u ma sarux testijiet fil-parti ta' taht is-sodda. Ukoll meta tlestiet il-*plateau,* is-sengha titlob li t-triq kellha tinzamm maghluqa ghal minimu ta' gimgha. Izda filwaqt li lestew it-tarmak il- gimgha it-traffiku beda ghadden l-ghadha filghaxija. It-triq ma saritx skont l-i*specifications* tal-ADT u ma kenitx tiflah ghall-*heavy traffic.* L-inkarigu tieghu kien biss biex jghollu l-art li kien hemm minghajr ma jaqilghu t-triq. Il-Kunsill Lokali kien ta l-istruzzjonijiet lis-socjeta' konvenuta u hu hadhom mill-Periti inkarigati mis-socjeta' konvenuta. Madanakollu kienu jigu *on site* s-Segretarju tal-Kunsill, l-eks Sindku Anglu Xuereb u l-Perit Samuel Formosa li kienu ituh istruzzjonijiet *on site.* Qatt ma gie imwaqqaf minhabba li x-xoghol ma kienx qed isir sew. Hu semma' li waqt l-andament ta' xoghol gieli inbidlu l-istruzzjonijiet li kien gie moghti originarjament u dawn l-istruzzjonijiet inghatawlu mill-eks Sindku Anglu Xuereb flimkien mas-Segretarju tal-Kunsill Paul Gatt.

[1] Seduta tat-2 ta' Ottubru 2007 a fol 36 tal-process.

**In kontro-ezami** qal li rcieva l-istruzzjonijiet dwar it-*tender* minn Arthur Farrugia. Kien hadem it-*tender* wara li tkellem mieghu biex dan itih r-rati tieghu. Hu qal li l-Perit Robert Sant kien tah il-formola tat-*tender* vojta u imlielu l-prezzijiet hu. Ghalkemm ircieva l-istruzzjonijiet mill-persuni li semma' dejjem kien ikun hemm prezenti l-Perit ta' Arthur Farrugia mill-ufficcju ta' Robert Sant. "*Dejjem ghidtilhom hudu nota taghhom jekk mhuwiex fit-tender"* biex jiktbu lill-Kunsill. Ix-xoghol inbeda u intemm fi tlett ijiem.

Ir-raguni moghtija mis-socjeta` konvenuta ghaliex ma hallsitux il-bilanc mitlub kien minhabba li l-Kunsill Lokali ma hallsux. Gabru l-ewwel cekk u hallsuh wara li spiccaw ix-xoghlijiet.

**<u>L-Ewwel Eccezzjoni - Preskrizzjoni *a tenur* tal-Art. 2148(a) tal-Kap.16</u>**

Ikkonsidrat li din hija azzjoni ghall-hlas tal-bilanc ta' prezz dovut fuq sub-appalt.

L-artikolu 2148 (a) igib l-estinzjoni ta' l-azzjoni b'gheluq ta' tmintax-il xahar fil-kaz ta' "*l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu*."

Dak l-Artikolu jirreferixxi ghalhekk ghall-krediti ta' artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew (**Vol XLI pI p347**). F'dan il-kaz aktar minn opra hemm il-

prestazzjoni ta’ l-*'opus' "minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet.*” (Vol XLII pIII p1151; “***Joseph Grech -vs- Emanuela Camilleri et***”, Appell Kummercjali, 21 ta’ Marzu 1977; “***Gio Maria Camilleri -vs- John Licari et***”, Appell Kummercjali, 16 ta’ Ottubru 1972; “***Francis Bugeja nomine -vs- Indri Mercieca”,*** Appell, 29 ta’ Mejju 2000).

Dawn is-sentenzi kollha jaghmlu d-distinzjoni bejn id-dispost tal-artikolu 2148 (a) u l-artikolu 2149(a) li mieghu ghandu certu affinita'.

Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar tirriferixxi ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-*locatio operis* li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol - meta l-lokazzjoni d' opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali.

Illi nghad ukoll li z-zmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b’riferenza ghall-azzjoni kif imfassla[2].

Fil-kaz odjern is-socjeta' attrici qed issejjes l-azzjoni taghha fuq l-ezistenza tal-kuntratt ta' appalt u ghalhekk il-preskrizzjoni eccepita mis-socjeta' konvenuta taht l-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 ghandha tigi ezaminata fid-dawl tal-azzjoni kif imposta.

Illi *stante* dak li jipprovdi l-**artikolu 2111 tal-Kap 16**, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-koncenut u ma tistax

[2]App.Civ. **24.3.1958** fil-kawza fl-ismijiet ***Bor**g **vs Testaferrata Boni**ci* (Kollez. Vol XLII.i.153)

minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qieghda tindahal u "*tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva*"[3].

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti hi tal-fehma li l-eccezzjoni ssollevata mhix applikabbli fit-termini tal-azzjoni kif imposta u qed tigi michuda.

**It-Tieni Eccezzjoni.**

Is-socjeta' konvenuta eccepiet li x-xoghol esegwit mis-socjeta' attrici ma giex accettat mill-klijenti tas-socjeta` konvenuta, cioe`, il-Kunsill Lokali tan-Naxxar billi ma sarx skont is-sengha u l-arti.

Din l-eccezzjoni tifforma l-mertu tal-kawza konnessa, fejn din il-Qorti innominat Perit Tekniku biex jezamina x-xoghol appaltat. F'dik il-kawza l-Kunsill Lokali tan-Naxxar ilmenta li x-xoghol maghmul ma kienx skont is-sengha u l-arti izda l-Perit Tekniku, Joseph Ellul Vincenti, fir-rapport tieghu, ikkonkluda li wara li ghamel il-kostatazzjonijiet tieghu, l-Espert ikkonkluda li "*l-ilmenti tal-konvenuti, cioe` t-tielet u r-raba' eccezzjoni m'humiex sostenibbli u ghandhom jigu michuda."*

Din il-Qorti, wara li kkonsidrat il-provi kollha, addottat il-konkluzjoni tal-Perit Tekniku u, fid-dawl ta' din il-konkluzjoni, it-tieni eccezzjoni ssollevata f'din il-kawza ma treggix u ser tigi michuda.

[3] App. iv. **11.5.1956** fil-kawza fl-ismijiet ***Cali vs Galea*** (Kollez. Vol: **XL.i.166**)

**<u>It-Tielet Eccezzjoni - Jonqos ir-relazzjoni Guridika bejn il-Kontendenti</u>**

Is-socjeta` konvenuta eccepiet li s-socjeta' attrici ghamlet xoghlijiet addizzjonali fuq inkarigu dirett mis-Sindku tan-Naxxar u, *inoltre*, li dawn ix-xoghlijiet ma gewx approvati.

Dwar din l-eccezzjoni jirrizulta a soddisfazzjon ta' din il-Qorti li s-socjeta' attrici giet imqabbda bhala sub-kuntrattur mis-socjeta' konvenuta fit-twettiq ta' *tender* li l-istess socjeta' konvenuta giet moghtija mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Huwa minnu li jirrizulta li kienu jkunu prezenti rapprezentanti tal-Kunsill Lokali waqt li kienu ghaddejjin ix-xoghlijiet u li anke taw il-fehmiet u istruzzjonijiet taghhom. Madanakollu dan ma serviex biex jestrometti mill-kuntratt l-istess socjeta' konvenuta ghaliex l-appalt kien koncess lill-*Stencil Pave* u ma jirrizultax li kien hemm sostituzzjoni tal-istess *Stencil Pave* fl-ghotja tat-tender.

Is-socjeta` konvenuta tghid li ma kienx hemm relazzjoni guridika fir-rigward ta' xoghlijiet addizzjonali. Fix-xhieda tieghu moghtija fil-kawza konnessa[4] ***Vincent Borg*** qal hekk:

"*Fil-hatra li konna inghatajna f'dan l-appalt partikolari, il-kumpanija rapprezentata minni kienet intalbet ukoll taghmel xoghol izjed, jigifieri extra works. ...li kien jikkonsisti f'tarmac izjed u jekk minix sejjer zball ukoll fit-trinka. Dawn l-istruzzjonijiet kienu jsiru bil-fomm izda kont nishaq mal-Kumpanija Stencil Pave Malta Ltd li tqis illi dak ix-xoghol zejjed li kien jintalab li jsir f'dak il-kuntratt ikollhom indikazzjoni tieghu bil-miktub min-naha tal-Kunsill....Istruzzjonijiet ghat-twettiq ta' xoghol zejjed*

[4] Fol. 57 tal-process 1656/01 LSO sedut datat 2 ta' April 2004

*jinghatu kemm mill-kumpanija Stencil Pave (Malta) Ltd. kif ukoll minn rapprezentant tal-Kunsill Lokali. Dawn l-istruzzjonijiet kienu jinghatu minn dawn iz-zewg entitatjiet flimkien fil-prezenza tieghi."*

Illi ma jirrizultax mill-provi li l-istess *Stencil Pave* kienet direttament jew indirettament waqqfet lis-socjeta` attrici milli tkompli dawn ix-xoghlijiet addizzjonali jew gharrfitu li dawn kienet qed taghmilhom bhala appaltatur indipendenti. Anzi skont Vincent Borg, u fuq dan il-punt il-verzjoni tieghu hija verosimili, l-istruzzjonijiet kienu jinghataw fil-prezenza tal-periti tas-socjeta` *Stencil Pave*, jekk mhux mill-istess Periti.

Jidher, anzi, li Vincent Borg dejjem ikkomunika dak li kien qed jigri mas-socjeta` konvenuta, jew mal-periti taghha li kienu jkunu dejjem *on site,* billi *Stencil Pave* kien l-appaltatur fil-proggett. *Del resto* hija haga ragunata li waqt li jkunu qed isiru xoghlijiet, jinqalghu xoghlijiet ohra li jkunu mehtiega sabiex progett jigi kkompletat, kif gara f'dan il-kaz.

Ghalhekk is-socjeta' konvenuta ma tistax tghid li ma kellhiex relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Din kienet qed tahdem biss abbazi tal-inkarigu u kuntratt moghti lilha mill-istess konvenuta.

Illi riferibilment ghall-ispejjez ta' dawn ix-xoghlijiet addizzjonali, jirrizulta mix-xhieda moghtija fil-kawza konnessa fl-ismijiet *Stencil Pave (Malta) Limited v Kunsill Lokali Naxxar* (Cit. 1656/2001 LSO) li l-kont finali bejn dawn l-ahhar kontendenti gie redatt bi qbil bejn il-periti rispettivi taghhom. Ma jirrizultax mill-provi li kien hemm xi xoghlijiet li gew eskluzi mill-Periti ta' *Stencil Pave* jew xi riserva dwar xoghlijiet addizzjonali.

Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qed tigi wkoll michuda.

**Ir-Raba' eccezzjoni**

Fl-ahhar nett is-socjeta' konvenuta eccepiet li l-ammont mitlub huwa eccessiv ghaliex is-socjeta` attrici rripetiet ir-rati ikkwotati fit-tender liema jinkludu l-*mark up* tas-socjeta` *Stencil Pave* (Malta) Ltd. Hija haga ragonevoli li r-rati miftehma bejn il-kuntrattur u s-sub-kuntrattur tieghu jkunu inqas mir-rati miftehma fl-appalt originali u dwar dan, din il-Qorti ser takkolji l-eccezzjoni ssollevata.

L-istess Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti, ikkonkluda fir-rapport tieghu pprezentat fl-atti tal-kawza konnessa mal-prezenti li :

*"Ta' min jghid ukoll li r-rati ta' xoghlijiet dovuti lil V & C Contractors Ltd. ghandhom ikunu dawk ir-rati miftehma ma' Stencil Pave Malta Ltd. u mhux ir-rati li Stencil Pave Malta Ltd. kien miftiehem mal-Kunsill Lokali (Naxxar)".*

Dwar il-kont **Vincent Borg** xehed li r-rati fatturati f'**DOK A** anness mac-citazzjoni kienu rati li ticcargja l-kumpanija tieghu.[5] Xehed ukoll li "*Rigward kif kienu stabbiliti r-rati min-naha tal-kumpanija rapprezentata minni fit-twettieq ta' dak l-appalt jien nghid li sa fejn naf jien dawn kienu gew mithatta fl-ufficcju tal-periti ta' Stencil Pave Malta Limited.... ma niftakarx jekk dawn ir-rati kienux gew iffissati minn qabel bil-miktub jew bil-fomm biss."*

[5] Xhieda fil-kawza konnessa a fol. 58

Din il-Qorti ssibha difficli temmen li socjeta` li tkun diehla ghal *tender* ma tistabbilixxix ir-rati tas-sub-appaltaturi taghha b'certezza qabel ma' tidhol ghall-obbligazzjoni kuntrattwali. Hija aktar verosimili l-verzjoni ta' **Arthur Farrugia**[6], Direttur tas-socjeta` konvenuta, li kien talab lil V & C Contractors Ltd biex ittih ir-rati taghha, li huma miktubin fid-Dok **SP4** anness mac-citazzjoni 1656/01/LSO.

Mill-korrispondenza esebita, kif ukoll min-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta esebita fl-atti tal-kawza konnessa, kif ukoll fir-replika esebita f'din il-kawza, jirrizulta li s-socjeta' konvenuta tippretendi li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ghandu jitnaqqas bl-ammont ta' elf lira Maltin.

Fid-dawl tal-premess, kif ukoll abbazi tad-dokumenti esebiti, senjatament **DOK A,** esebit f'din il-kawza, u **DOK SP4** esebit fil-kawza konnessa, li jinkludi notamenti tal-Perit Robert Sant, din il-Qorti ser tilqa' l-eccezzjoni hawn is-sollevata billi tnaqqas mill-ammont pretiz is-somma ta' €2,329.37.

## **III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-ewwel tliet eccezzjonijiet ghar-ragunijiet premessi, **tilqa'** r-raba' eccezzjoni u tiddisponi mit-talbiet attrici billi:

[6] Xhieda permezz ta' Affidavit ipprezentata fil-kawza konnessa a fol. 64

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba b'dan li tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta’ erbatax-il elf , hames mija u hamsa u sittin ewro u centezmu (€14,565,01) favur is-socjeta` attrici bhala bilanc minn somma akbar bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sad-data tal-eventwali pagament.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------